MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Numru. 504/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**MAURICE ZAMMIT**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Maurice Zammit imwieled fl-10 t'Awissu 1961 bin George u Maria Anna nee` Vella residenti 36, Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-13 ta' Gunju 2003 ghal habta tal-11.30p.m. fil-fond 36, Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa

fuq il-persuna ta' martu Salvina Zammit skond kif iccertifikat Dr Anna Abela M.D. mill-Victoria,

2. talli fl-istess cirkostanzi hu ngurja bil-kliem lill-istess Salvina Zammit (Art 214, 215 Kap 9)

3. talli fl-24 ta' Gunju 2003 ghal-habta tad-9.30pm fil-fond 36, Triq il- Kapuccini, Victoria ngurja u hedded bil-kliem lil Salvina Zammit (Art 214, 215 Kap 9),

4. talli fil-25 t'Awissu 2003 ghall-habta tat-8.30am fil-fond 36, Triq il-Kapuccini, Victoria minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Salvina Zammit skond ma iccertifikat Dr Anna Abela MD (Art 214, 215 Kap 9);

5. talli fl-istess cirkustanzi ingurja u hedded bil-kliem lill-istess Salvina Zammit;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 221(4), 214, 215, 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lil Salvina Zammit tghid li l-imputat huwa zewgha u ma tixtieqx tixhed f'dawn il-proceduri u konsegwentement qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' zewgha;

Ghalhekk stante r-rinunzja da parti tal-kwerelanta l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------